MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2007

Numru 1153/2006

Il-Pulizija
(Sp Jesmond J. Borg)
vs
Philip Damato, iben Carmelo, imwieled Pieta’ fl-1 ta’ ottubru, 1966

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fit-30 ta’ ottubru, 2006 għal ħabta tas-1.45 p.m. fi Triq Mons. A. Cilia, Żebbuġ attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b’ħebb kkontra persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, u cioe’ PC185 Roger Frank Mifsud kif ukoll fuq Robert Busuttil, fil-waqt li kienu qed jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi mill-awtorita’ komptenti;
2. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi nġurja, hedded jew għamel offiża fuq il-persuni nkarigati skond il-

liġi minn servizz pubbliku, u cioe' PC185 Roger Frank Mifsud u Robert Busuttil, waqt li ienu qed jagħmlu jew minħabba li għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
3. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi hedded lil PC185 Roger Frank Mifsud u Robert Busuttil bil-kliem;
4. talli kiser il-bon ordni u il-paċi publika b'għajjat u ġlied;
5. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi qal fil-pubbliku kliem oxen jew indeċenti, jew għamel ġesti oxxeni jew b'xi mod ieħor li mhux provdut fil-Kodiċi Kriminali;
6. talli sar reċidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-27 ta' ottubru, 2005 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mħassra.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi skond l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurta ta' PC185 Roger Frank Mifsud u ta' Robert Busuttil.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' frar, 2007 fejn il-partijiet qablu li ma hemm ebda prova dwar l-ewwel akkuża. Il-partijiet qablu li t-tieni akkuża hi limitata biss għal fatt ta' nġurji u theddid li hhuma ta' natura kontravenzjonali u għalhekk it-tielet akkuża hi assorbita fit-tieni akkuża.

Illi a bażi ta' dan il-verbal l-imputat jammetti l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu. Dwar l-ewwel akkuża ma ssibux ħati li għamel offiża fuq il-persuni hawn fuq imsemmija u għalhekk tilliberah minn dawn l-akkużi. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha bl-assorbiment tat-tielet akkuża. Rat l-artikoli 95(1)(2), 339(1)(e), 338(bb)(dd), 49 u 50 tal-

Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' mitt lira maltin (LM100).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------